# Wasal iż-żmien għal azzjonijiet konkreti biex jiġi mħares l-ambjent naturali

## Messaġġ minn BirdLife Malta fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Ambjent 2018

Fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Ambjent, BirdLife Malta tinnota li fi stħarriġ lokali li sar dan l-aħħar, ħareġ ċar li l-pubbliku huwa preokkupat dwar kwistjonijiet ambjentali b'mod partikolari fejn għandu x'jaqsam mal-iżvilupp u l-kostruzzjoni. Dan ikompli mar-realtà li l-poplu Malti llum sar aktar konxju dwar l-ambjent u BirdLife Malta tħeġġeġ lill-Gvern biex jagħti kas ta' din ir-realtà.

BirdLife Malta tfakkar lill-Gvern fid-diversi stqarrijiet pubbliċi li għamel li se jagħti lill-ambjent naturali l-importanza li jixraqlu u tiddikjara li wasal iż-żmien li jittieħdu azzjonijiet konkreti relatati mal-liġijiet li hemm bżonn jiddaħħlu, il-bidliet fil-*policies* li hemm bżonn isiru, u l-miżuri ta' infurzar u konservazzjoni li jridu jittieħdu biex jiġi mħares l-ambjent naturali tagħna.

Il-Gvern ta' Malta huwa responsabbli, u għandu l-obbligu, li jimpenja ruħu bis-serjetà li jieħu dawk il-miżuri meħtieġa għall-benefiċċju tal-kwalità tal-ħajja tal-pubbliku inġenerali u fl-interess komuni tal-pajjiż kollu.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

